

Brussell, 5 ta' Settembru 2025
(OR. en)

11283/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0156(NLE)

IXIM 157
JAI 1033
ENFOPOL 256
CRIMORG 131
JAIEX 75
AVIATION 95
DATAPROTECT 151
ISL 35

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda
dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni,
l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/...²⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("il-Ftehim) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) Il-Ftehim jipprevedi t-trasferiment tad-data tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru mill-Unjoni lill-Iżlanda b'rispett sħiħ tad-drittijiet previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikoli 7 u 8 rispettivament, tagħha. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni ta' data personali trasferita skont dan.
- (3) Il-Ftehim irawwem il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Iżlanda u dawk tal-Istati Membri kif ukoll il-Europol u l-Eurojust, bl-għan li jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom li jsaħħu l-fruntieri esterni tal-Unjoni u tal-Iżlanda, kif ukoll jiżguraw b'mod effettiv is-sigurtà interna fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 11282/25 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-firma tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 11284/25.

- (4) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Irlanda nnotifikat, b'ittra tad-29 ta' Lulju 2025, ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma hijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u ta l-Opinjoni tiegħu 15/2025 fl-24 ta' Lulju 2025⁴.
- (7) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁴ ĠU C, ..., ELI: ...

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni⁵⁺.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁶.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁵ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi... [daħħal ir-referenza tal-ĠU]

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: jekk jogħġbok ara d-dokument ST 11284/25.

⁶ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.